**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D M.Jur**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 100/2014**

**Dottor Michelle Tabone fil-kwalità taghha ta' Ekonomu tal-Amministratur Appostoliku l-Eccellenza Tieghu Monsinjur Charles J. Scicluna bhala Amministratur tal-Beni Ekklesiastici Djocesani kollha ta' Malta u occorrendo Monsinjur Archimandrite George Mifsud Montanaro ghan-nom u fl-interess tal-Prebenda Parrokkjali ta' l-Knisja Nazzjonali Kattolika Griega f'Malta**

**vs**

**Helen La Rosa de Cristofaro [KI numru 285536(M)]**

**Illum, 26 ta' Settembru 2016,**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi r-rikorrenti jikru l-fond numru 133, Archbishop Street, Valletta gia maghruf bhala 'The Owl Stationary Shop' lill-intimata Helen la Rosa de Cristofaro biex jigi uzat bhala hanut.

Illi ghal diversi snin il-fond imsemmi ma baqax jintuza ghall-iskop li ghalih inkera. Filfatt l-intimata Helen la Rosa de Cristofaro m'ghadhiex taghmel uzu mill-imsemmi fond u ghalhekk dan jikkostitwixxi non uso skont il-ligi.

Illi di piu l-post thalla fi stat ta' zdingar u abbandun assolut.

Illi l-intimata kienet interpellata sabiex thalli l-imsemmi fond liberu u battal favur l-esponent izda naqset milli taghmel dan.

Ghaldaqstant l-esponenti nomine jitolbu umilment li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna l-izgumbrament ta' l-intimata Helen la Rosa de Cristofaro mill-fond 133, Archbishop Street, Valletta fi zmien qasir u perentorju li l-istess Bord joghgbu jipprefiggi wara li jaghti l-opportuni provvedimenti.

Ra illi l-intimata debitament notifikata bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skont kif jirrizulta mill-atti a folio 17 sa folio 23 ma pprezentat l-ebda risposta.

Ra illi l-intimata baqghet ma dehritx quddiem il-Bord biex tikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti  u ghalhekk hija kontumaci;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2016 ir-rikorrenti ddikjarat li se tistrieh fuq il-provi in atti u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza u qies il-provi kollha prodotti;

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jitolbu l-izgumbrament tal-intimata mill-fond numru 133, Archbishop Street, Valletta, gia maghruf bhala "The Owl Stationery Shop", u dan minhabba nuqqas ta' uzu u abbandun da parti tal-intimata.

Illi l-intimata, minkejja li debitament notifikata bir-rikors odjern bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni kif jirrizulta mill-atti a folio 17 sa a folio 23, ma pprezentat l-ebda risposta u naqset li tidher quddiem il-Bord biex taghmel id-difiza taghha u ghalhekk hija kontumaci.

Illi r-rikorrenti prezentaw diversi xhieda u provi sabiex isostnu r-rikors taghhom.

Illi mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghall-fini tal-izgumbrament ta' l-inkwilina jiffissa terminu ta' zmien xahar mil-lum. Bl-ispejjez kontra l-intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur